# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001.**

**Numru 9**

**Citaz. numru 776/85 JSP**

**Joseph Mifsud**

**vs**

**Louis Muscat ; u b'digriet tat-8 ta' April 1986 gie kjamat fil-kawza Victor Rapinett ; u b'digriet tas-6 ta' Gunju 1986 gie kjamat fil-kawza Andrew Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell maghmul minn l-attur Joseph Mifsud kontra sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili f'din il-kawza moghtija fis-16 ta' Dicembru 1996, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta :-

Illi l-konvenut ghamel xoghol ta' bini recenti – konsistenti f'garaxx jew terran, fi Triq iz-Zugraga, Fleur-De-Lys, Birkirkara, adjacenti ghall-bini ta' l-attur fl-istess triq, b'tali mod li l-konvenut serrah jew qabbad il-bini tieghu mal-hajt divizorju proprjeta' ta' l-attur u effettivament saqqaf dawn ix-xogholijiet ;

Illi ghalhekk il-konvenut jinsab obbligat lejn l-attur ghall-hlas ta' l-appogg in konnessjoni ma' l-istess xogholijiet, sal-livell ta' l-ewwel sular fejn saqqaf ;

Illi l-attur ghamel id-debita stima tal-hajt u tal-valur ta' l-appogg lilu dovut skond il-ligi ; liema stima ta' l-appogg (cioe' tal-valur ta' <u>nofs</u> l-istima totali), lahqet is-somma ta' mitejn u tmienja w erbghin lira erbgha u disghin centezmu u millezmu Lm248.94c1), piu' disa' liri (Lm9) cioe' nofs id-dritt professjonali tal-Perit ghall-istess stima – li b'kollox jigi li l-konvenut ghandu jhallas ammont totali ta' mitejn u sebgha u hamsin lira, erbgha u disghin centezmu u millezmu (Lm257.94c1) ;

Illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas l-ammont fuq imsemmi, u gie notifikat bl-istima imsemmija, (Ara kopja Dokument A) , zida baqa' inadempjenti ;

Talab li dina l-Qorti, okkorendo permezz ta' Perit/I nominandi :-

1. Tiddikjara li l-konvenut, in vista tax-xogholijiet li ghamel adjacenti ma' dawk ta' l-attur, hu obbligat ihallas lill-attur id-dritt ta' appogg sal-ewwel sular skond il-ligi ;

2. Tillikwida l-valur ta' l-istess appogg, a bazi ta' l-istima tal-Perit Albert Fenech, fuq imsemmija, salv kwalunkwe verifika u/jew aggustament jekk u sa fejn jidhrilha l-Qorti ;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju huwa jhallas lill-attur l-appogg li jigi hekk likwidat, b'terminu li jigi lilu stabbilit, bl-imghax civili mit-18 ta' April 1985, data tan-notifika bl-istima fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-18 ta' April 1985, ta' l-ittri ufficjali ta' April u ta' Mejju 1985, u tal-Mandat ta' Qbid numru 866/85 fl-ismijiet "Joseph Mifsud vs Louis Muscat" tat-23 ta' Mejju 1985."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Muscat li biha eccepixxa :-

1. Illi huwa mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni legali bejn il-partijiet u dana in vista ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar datat 23 ta' Mejju 1985, bejn l-eccipjent u certu Victor Rapinett u ghalhekk jitlob illi l-istess Victor Rapinett jigi kjamat fil-kawza ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjent ma appogga ma' l-ebda hajt proprjeta' ta' l-attur ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante ill jekk jigi ppruvat illi l-konvenut mess ma' xi hajt mibni mill-attur, hu mess ma' hajt li tieghu huwa proprjetarju stante illi l-istess attur bena l-hajt fuq proprjeta' tal-konvenut ;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz li jkun dovut xi ammont lill-attur da parti tal-konvenut, l-eventwali ammont ghandu jkun sostanzjalment izghar minn dak mitlub mill-istess attur, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza minghajr pregudizzju ghas-suespost ;

5. Illi l-attur fil-kaz odjern, ma jistax jitlob il-kundanna ghal hlas bil-kwalifika tat-terminu u ghalhekk it-tielet talba ta' l-attur hija nulla w invalida u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu ;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, talba ghall-hlas ta' l-imghax, talvolta dovut, tista' ssir unikament permezz ta' att gudizzjarju u ghalhekk mhu dovut l-ebda imghax lill-attur mill-konvenut, u dana aktar u aktar meta l-attur qed jitlob ammont da likwidarsi u meta la huwa cert, likwidu u dovut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut Muscat ;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' April 1986 li bih gie kjamat fil-kawza Victor Rapinett fuq talba tal-konvenut ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Victor Rapinett li biha eccepixxa :-

1. Illi t-talbiet attrici huma manifestament infondati fil-fatt u bil-ligi stante li l-konvenut dahal fi skrittura privata ma' certu Andrew Camilleri li gie miftiehem li l-esponent la jgawdi u lanqas

jikkontribwixxi ghall-ebda appogg u ghalhekk Andrew Camilleri ghandu jigi kjamat in kawza ;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramenata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess kjamat fil-kawza Rapinett ;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 1986 li bih, fuq talba ta' l-istess Victor Rapinett gie imsejjah fil-kawza Andrew Camilleri ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Andrew Camilleri li biha eccepixxa :-

Illi l-eccipjenti ma jistax jifhem ghala hu gie kjamat in kawza stante li hu ma ghandu assolutament xejn x'jaqsam mal-kwistjoni mertu ta' din il-kawza u ma ghandu l-ebda reklazzjoni legali mal-partijiet ;

Illi d-domandi attrici ghandhom jigu respinti kwantu ghalih bl-ispejjez kontra l-attur ;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess kjamat fil-kawza Camilleri ;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 1986 li bih innominat lill-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel bhala Perit Legali biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija ; u d-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 1999 li bih dak il-Perit Legali gie sostitwit bl-Avukat Dottor Tonio Mallia, bl-istess inkarigu u fakoltajiet.

Rat ir-relazzjoni ta' l-abbli Perit Legali w ix-xhieda tieghu in eskussjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezebiti ;

Semghat it-trattazzjoni ;

Rat il-verbal li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza ;

Ikkunsidrat :-

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti w il-konsiderazzjonijiet li ghamel dwarhom il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu u waslet ghall-konvinciment illi l-konkluzzjonijiet li wasal

ghalihom huma sostanzjalment gusti u ghandhom jigu adottati b'certi modifiki suggeriti minn kunsiderazzjonijiet ta' dritt.

Il-Qorti ghandha qabel xejn tghid li hi taqbel mal-metodu li bih il-Perit Legali zvolga l-konsiderazzjoni tal-meritu tal-kawza billi qabel ma beda jikkonsidra d-diversi eccezzjonjiet moghtija mill-partijiet konvenuti dwar min minnhom seta' kien responsabbli ghall-hlas ta' l-appogg pretiz mill-attur skond in-negozji li saru bejniethom u min bena fuq il-fond tal-konvenut attigwu ghal dak ta' l-attur, beda biex jiddetermina fl-ewwel lok jekk kienx jew le skond il-ligi gie ezercitat l-appogg kif jippretendi l-attur. Dan l-ezercizzju kien mehtieg ghaliex kien hemm kontestazzjoni jekk fil-kors tal-kostruzzjoni fuq il-fond tal-konvenut il-bini hekk kostruwit kienx maghmul b'mod li kien iserrah mal-fond ta' l-attur u li allura l-ebda kumpens ghall-appogg ma kien dovut.

Infatti l-kjamat fil-kawza Victor Rapinett li jirrizulta li kien xtara l-arja tal-post li kellu l-konvenut u t-tromba ta' hdejha u li kien allura hu li bena fuqha l-fond li ta lok ghal din il-kawza hekk kellu x'jixhed :-

"Naqbel li meta xtrajt l-arja kien hemm zewg hitan u mhux wiehed. Il-hajt kien dobblu. Wiehed li kien hemm qabel u l-iehor li ghamilt jiena bl-ispazju bejniethom. Jiena bnejn mal-hajt li originarjament kien mibni minn Louis Muscat …… nghid li jiena ma ridtx nindahal fl-appoggi u xhett din il-parti tal-kwistjoni fuq il-bennejja ghaliex jiena ma ridtx li jkolli x'naqsam ma' l-attur …."

Hu spjega wkoll illi l-konkos u t-travi tal-fond li bena l-attur kienu jestendu f'dawk li huma soqfa sax-xifer tal-hajt singlu li kien hemm u b'mod li ma kien hemm ebda parti tal-hajt li fih wiehed seta' jingalja. L-attur halla l-mursalli hergin <u>mal-faccata</u> bejn 4 u 5 pulzieri. Allura l-konvenut u Rapinett tellghu qoxra ohra – hajt iehor singlu – u ma messewx ma l-ebda parti tal-hajt li kien bena l-attur hlief fuq il-faccata fejn il-bini gie ingaljat fil-mursalli mhollija mill-attur.
Is-sottomissjoni tal-parti konvenuta hi li una volta hu ma utilizzax il-hajt tal-gar tieghu hlief ghall-addentellament fuq il-faccata u fuq wara hu ma jistax jitqies li ghamel uzu minn dak il-hajt u allura fil-fehma tieghu appogg ma sarx u xejn ma hu dovut lill-konvenut. Il-Perit Legali hekk ikkonkluda r-relazzjoni tieghu.

"Ghalhekk fid-dawl tal-premess, hi l-opinjoni ta' l-esponent li l-attur ghandu dritt ghall-appogg limitatament ghal dik il-parti tal-hajt mal-faccata u fuq wara fejn il-fond tal-konvenut jinsab addentellat ma' dak ta' l-attur. L-ammont ta' kumpens irid jigi stabbilit minn Perit Tekniku li ghandu jigi nominat ghal dan il-fini. Responsabbli fil-konfront ta' l-attur huwa l-konvenut Louis

Muscat, pero' fir-relazzjonijiet interni ta' bejn Muscat u Victor Rapinett il-hlas ghandu jsir minn dan ta' l-ahhar, cioe' Rapinett."

Konkluzzjoni li timporta zewg fili ta' konsiderazzjonijiet –dawk dwar ghal x'hiex kien dovut l-appogg u dawk dwar min mill-partijiet konvenuti kellu jaghmel tajjeb ghalih. Il-Qorti ma ssib xejn x'tikkumenta u x'tikkontesta fl-analizi korretta ta' fatti u dritt li wasslet lill-Perit Legali li jaddebita r-responsabbilita' ghall-hlas ta' dak li jirrizulta dovut finalment fuq il-kjamat fil-kawza Rapinett in kwantu ma jirrizultax sodisfacentement li dan kien ghadda l-obbligu ghall-hlas ta' l-appogg tas-sular ta' isfel lil Camilleri, anke jekk fil-konfront ta' l-attur ghandu fl-ewwel lok jaghmel tajjeb il-konvenut Muscat. Din il-parti tar-relazzjoni li tirregola l-materja u qed tigi adottata mill-Qorti kif inhi.

Fir-rigward ta' l-ewwel parti tar-relazzjoni dwar jekk kienx dovut jew le kumpens ghall-appogg, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fuq il-kunsiderazjonijiet tal-Perit Legali.

1. Ghandu jittiehed bhala pruvat illi sar l-addentellament fuq il-faccata ta' quddiem u hu prezunt – u sewwa hekk ghamel il-Perit Legali li jipprezumi – li sar addentellament analogu tal-hajt ta' wara tal-fond mibni fuq is-sit tal-konvenut mal-hajt ta' wara ta' l-attur. Ma tirrizulta l-ebda prova li z-zewg qoxriet tal-hitan tmissew ma' xulxin hlief li gie mizdud l-ispazju bejn iz-zewg qoxriet fuq il-wicc taghhom biex – <u>fl-interess taz-zewg proprjetarjiet</u> – tigi evitata l-hsara ta' ilma w umdita'. Hu pruvat ukoll li l-bini kollu li ghamel Rapinett ghamlu fuq il-hajt mibni mill-konvenut u li s-soqfa li ghamel serrahhom fuq dan il-hajt u mhux fuq dak mibni mill-attur ghall-fond tieghu ;

2. Mhix preciza l-konsiderazzjoni tal-Perit Legali <u>illi l-addentellament fuq il-faccata ta' quddiem</u> jikkostitwixxi appogg. L-awturi w il-gurisprudenza jaffermaw il-kuntrarju u jsostnu li jista' biss jaghti lok ghal dritt ta' appogg dak li jigi ezercitat fuq il-hitan divizorji u l-addentellament tal-hajt fuq wara. Dan ghaliex il-hajt fuq il-faccata ma jista' qatt jitqies bhal hajt divizorju bejn zewg proprjetarjiet in kwantu necessarjament irid ikun il-hajt li jifred il-fond mit-triq li ghal fuqha jaghti. Dan il-punt gie infatti trattat fis-sentenza ta' din il-Qorti li ghaliha l-Perit Legali ghamel riferenza fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Galea vs Joseph Scerri" deciza fil-5 ta' Ottubru 1993. "Il-ligi taghna tippermetti l-appogg u l-addentellament. F'sens legali mhux possibbli tikkoncepixxi l-appogg hlief ma' hitan tal-<u>gemb</u> u ta' <u>wara</u> u qatt ma hajt tal-faccata li <u>ma jistax ikun divorzju</u> ta' bejn zewg proprjetarjiet." (Vol. XXXVII – P I – p. 66). Il-Qorti allura taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet u kazistika citata f'dik is-sentenza u tikkonkludi – kontra dak li ssottometta l-abbli Perit Legali – li ma

jirrizultax li hemm lok ghal kumpens ghall-appogg ezercitat mal-hajt tal-faccata ta' l-attur. Jibqa' pero' d-dritt ghall-hlas ta' appogg mal-hajt ta' wara tal-fond ta' l-attur ;

3. Hija korretta d-distinzjoni li silet il-Perit Legali bejn il-fatti tal-kawza "Galea vs Scerri" appena citata u dawk f'din il-kawza. Hu veru li f'dik il-kawza din il-Qorti ddecidiet li l-fatti kienu tali li kienu jikkonvincu li l-konvenut kien utilizza l-hajt divizorju mibni mill-attur b'mod li rrendih komuni u konsegwentement kien hemm dritt ta' appogg. Avolja anke f'dik il-kawza l-konvenut kien bena hajt iehor razenti l-hajt mibni mill-attur proprju bl-intenzjoni, bhal f'din il-kawza, biex jevita li jkollu x'jaqsam mieghu. Pero' f'dik il-kawza l-Qorti ddeliberat illi kien dout l-appogg ghax il-Perit Tekniku kien identifika almenu tlett punti fil-hajt divizorju li fih il-konvenut iddentella w utilizza sa nofsu biex bena l-fond tieghu. Inoltre meta bena s-saqaf tal-konkos tieghu fl-ewwel sular il-konvenut uza l-hajt mibni mill-attur bhala ilqugh ghalih b'mod li l-konkos kellu jasal sa u jistrieh mieghu. "Kieku ma kienx ghall-hajt res komuni mibni mill-attur, il-konkos tas-saqaf ma kienx jista' jsir kif sar u dan jikkostitwixxi appogg fih innifsu fit-tifsira klassika tal-kelma." Fil-kaz taht ezami l-bini fil-fond tal-konvenut evita dan it-tip ta' uzu u jidher li z-zewg kostruzzjonijiet baqghu telghin b'mod parallel bla ma jmissu ma' xulxin hlief ghall-addentellament fuq quddiem u fuq wara. Kien biss meta l-kostruzzjoni fuq il-fond attigwu ghal dak ta' l-attur giet finalizzata illi gie mizdud l-ispazju bejn iz-zewg fondi fl-interess komuni. Il-konkluzzjoni tal-Perit Legali f'dan l-aspett tas-sentenza hi ghalhekk korretta.

Il-Qorti kkunsidrat finalment illi l-meritu tal-kawza kif issa definit gie ridemenzjonat u ridott ghall-ammont minimu li mhux biss jezorbita ghal kollox mill-kompetenza taghna imma certament ma jintitolax l-ispiza illi din il-Qorti tinnominat Perit Tekniku biex jikkalkola u jillikwida l-ammont talvolta dovut ghall-appogg ezercitat mal-hajt ta' wara ta' l-attur. Bizzejjed jinghad li l-Perit Legali indika li l-ammont tal-valur ta' l-appogg kieku kellu jigi konsidrat u kalkolat ghall-addentellament tal-hajt fuq quddiem u fuq wara ma kellux jeccedi l-ammont ta' Lm5. Hu allura gust, ekwu u fl-interess tal-kontendenti kollha illi tiddeciedi biss l-ewwel talba ta' l-attur u tastjeni f'dan l-istadju milli tiddeciedi li tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet billi dawn – wara li tkun giet deciza l-ewwel talba – jkunu jirrizultaw manifestament barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris".

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara illi hu biss dovut appogg mill-konvenut ghall-addentellament li sar mal-hajt ta' wara tal-fond tieghu u illi fir-relazzjonijiet interni bejn il-

> konvenut u l-kjamat fil-kawza rapinett dan ta' l-ahhar ghandu finalment jaghmel tajjeb versu l-konvenut ghal tali ammont. Tillibera minn kull addebitu lill-kjamat fil-kawza l-iehor Andrew Camilleri.
>
> Billi jirrizulta manifestament li l-ammont li jista' jkun dovut lill-attur skond kif deciz fl-ewwel talba kien ikun inferjuri ghall-kompetenza ta' din il-Qorti, tiddisponi mit-tieni u mit-tielet talbiet billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom in kwantu dawn ma jaqghux fil-kompetenza taghha "ratione valoris".
>
> L-ispejjez kollha fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mill-attur."

Minn dik is-sentenza appella kif inghad l-attur Joseph Mifsud permezz ta' rikors ta' appell li gie prezentat fis-6 ta' Jannar 1987 u li bih talab li din il-Qorti :-

1. Tirriforma s-sentenza appellata in kwantu filwaqt li sabet lill-konvenut responsabbli ghall-hlas tal-appogg, dan illimitatu ghall-addentellament li sar mal-hajt ta' wara tal-fond tal-attur ; u tiddikjara invece li bil-mod li saru x-xogholijiet u bin-nuqqas tal-konvenut li jzomm distanza legali, gie li rrenda ruhu soggett ghall-appogg tal-hajt divizorju ghat-tul u gholi tieghu kollu ; u

2. Tirrevoka l-istess sentenza fil-kap tal-ispejjez billi takkolla l-ispejjez kontra l-konvenut u/jew/kontra l-kjamat in kawza Rapinett ; u

3. Tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ddecidiet li ma tiggudikax it-tieni u t-tielet domandi attrici stante inkompetenza ratione valoris, u tiddikjara l-kompetenza tal-Qorti Superjuri (Prim'Awla) fic-

cirkostanzi tal-kaz, la si tratta ta' dritt reali predjali ; u jew tiddeciedi din il-Qorti tal-Appell dwar dawn id-domandi jew tirrinvija l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti biex tisma u tiddeciedi dwarhom – bic-cahda tal-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u l-kjamati in kwazi Rapinett u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut kif ukoll bl-imghax relattiv fuq kwalunkwe somma eventwalment rizultanti bhala dovuta lill-attur appellant ghall-appogg veru u reali li jivverifika ruhu b'rizultat ta' dan l-appell – appogg li gie pratikat iktar minn ghaxar snin ilu.

Hemm risposti tal-appell mill-partijiet l-ohra fil-kawza illi kollha jissottomettu li din il-Qorti ghandha tirrigetta l-appell interpost.

Din il-Qorti thoss li hu doveruz illi tirrileva illi verament hawn si tratta ta' kaz fejn it-talba originali kienet essenzjalment limitata ghal cirka mitejn u hamsin lira, fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi se mai l-ammont dovut huwa mizerja ta' hames liri Maltin, fejn is-sentenza appellata hija wahda ezemplari u li madankollu evidentement involviet studju profond tal-aspetti kollha tal-kawza, sentenza studjata, u redatta fl-ahjar stil, u li ppruvat ukoll tekonomizza ghal dawk li huma spejjez bejn il-partijiet, specjalment fir-rigward tal-istess attur li essenzjalment ghal kull buon fini gie illi prattikament tilef il-kawza hlief ghal xi haga zghira. Sadanittant l-attur deherlu illi kien gustifikat illi f'dawn ic-cirkostanzi cioe' fejn it-talba originali tieghu kienet ta' mitejn u hamsin lira, fejn gie deciz illi kull m'ghandu dritt huwa ta' hames liri, fejn diga' gie akkollat l-

ispejjez kollha ta' Prim'istanza mhux tieghu biss imma anke tal-partijiet l-ohra, u fejn il-kawtela ta' dan l-appell teccedi l-erba' mitt lira, xorta deherlu illi hu l-kaz li jappella. S'intendi din il-Qorti ma tindahalx fid-drittijiet tal-individwi li jekk jidhrilhom illi ghandhom ragun jistghu jezercitaw id-drittijiet kollha li taghtihom il-ligi tal-procedura u jinterponu appell. Dan huwa dritt sagrosant tal-appellant, pero' hu difficli ghal din il-Qorti tifhem il-logika ta' min bhala spejjez gudizzjarji fil-Prim'istanza diga' ghandu iktar mill-mertu li originarjament talab, li fil-Prim'istanza inghata biss dritt ghal hames liri Maltin, illi jaghmel uzu mid-dritt tieghu tal-appell li ulterjorment ser jiswielu fuq l-erba' mitt lira ghal dawk li huma spejjez gudizzjarji tal-appellat. Jigifieri mhux qed jittiehdu in konsiderazzjoni lanqas l-ispejjez inkorsi ghad-difiza tieghu proprja.

Din il-Qorti qed taghmel din il-kritika kollha 'il ghaliex minn ezami akkurat tal-atti processwali u imbaghad specjalment tal-aggravji tal-appell u l-mod kif l-appellant ipprova jissostanzjahom kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, assolutament m'ghandu jkun hemm, u din il-Qorti ma sabet, ebda diffikolta' biex l-appell jigi deciz kontra l-appellant.

L-appellant jissottometti li ghandu tlett aggravji.

L-ewwel aggravju skond hu jikkonsisti fis-sens illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddecidiet li tiddeciedi biss l-ewwel talba attrici cioe'

ddikjarat li l-konvenut Louis Muscat hu obbligat ihallas lill-attur ammont ta' appogg, salv relazzjoni interna bejn Muscat u l-kjamat fil-kawza Rapinett u astjeniet f'dak l-istadju milli tiddeciedi li tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet u dana ghamlitu ghax dehrilha li jkun hekk ekwu gust fl-interess tal-kontendenti kollha billi deciza l-ewwel talba fis-sens li l-Qorti rriteniet dovut biss kumpens ghall-addentellament li sar mal-hajt ta' wara tal-fond tal-attur, iz-zewg domandi l-ohra kienu manifestament barra mill-kompetenza tal-Qorti ratione valoris.

It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li s-sentenza appellata akkollat l-ispejjez tal-kawza lill-attur appellant.  Dawn ghalhekk jinkludu dawk tal-konvenut u taz-zewg kjamati fil-kawza Camilleri u Rapinett.  L-appellant din il-parti tad-decizjoni s'intendi ma toghgbux.

It-tielet aggravju jikkonsisti fil-fattt li l-ewwel Onorabbli Qorti mhux talli ma akkordatx id-domanda tal-attur li l-valur tal-appogg kollu jirrifletti l-valur ta' nofs tal-hajt tal-attur u tal-art sottostanti in lineja ma' dak li gie stmat mill-Perit Albert Fenech izda rriteniet li l-ingaljar tal-hajt mibni mill-konvenut mal-faccata tal-hajt originali divizorju proprja tal-attur ma jikkostitwix appogg u d-differenzjatum mill-ingaljar li sar fuq wara b'divergenza mal-konkluzzjoni tal-perit legali.

Huwa proprju hawnhekk fejn din il-Qorti thossha urtata bil-fatt li sar dan l-appell.  L-ewwel Onorabbli Qorti kienet akkurata, attenta hafna biex

tibni fuq il-bazi tar-rapport tal-perit tekniku billi tikkoregi certi aspetti legali li evidentement il-perit tekniku ma kienx ghall-altezza taghhom. L-ewwel Qorti u din il-Qorti taqbel maghha, ghamlet differenza bejn id-diversi metodi ta' appogg u addentellament, ghamlet differenza li wara kollox mhix l-ewwel darba illi saret fl-istorja tal-gurisprudenza Maltija bejn addentellamenti li jsiru mal-faccata kif ukoll ma' wara tal-hajt, fuq il-bazi ta' gurisprudenza kostanti u anke ta' tejorija waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha li huma strettament legali u li din il-Qorti difficilment tifhem kif jistghu jigu spostati. In fatti din il-Qorti ddur kemm iddur mal-argumenti tal-appellant kontenuti fir-rikors tal-appell dettaljat tieghu ma tistax tifhem kif jista' jkollu ragun legalment u tahseb anzi din il-Qorti illi tieqaf hawn.

Minn dan effettivament isegwi illi jekk l-appellant ma kellux ragun f'dak li huwa d-dritt pretiz minnu ghall-hlas tal-appogg, il-konkluzzjonijiet l-ohra tal-ewwel Qorti li jirrigwardaw kemm il-kap tal-ispejjez kif ukoll id-decizjoni li tastjeni milli tiddeciedi t-tieni u t-tielet talba, huma kienu u jibqghu ineccepibbli u mhux il-kaz li jizdied xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata, bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-appellant.

Dep/Reg

mg